**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 392/2022 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**AB**

**Vs**

**AP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB datat 20 ta' Lulju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ewwel (01) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) u z-zwieg taghhom jinsab registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A);*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett (3) itfal, senjatament M li twieled nhar X, D li twieled nhar Y, u E li twieldet nhar Z;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal aktar minn sena u cioe minn April tas-sena 2021, Difatti llum huma legalment separati b'kuntratt redat minn Nutar Dottor Matthew Agius datat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;*

*Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni sovracitat hemm manteniment dovut ghal ulied cioe M, D u E liema AP kien jonora sa minn qabel il-kuntratt ta' separazzjoni;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ftit iktar minn sena ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet reciprokament irrinunzjaw ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin u ghalhekk il-partijiet m'ghandhom l-ebda u/jew kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ebda hlas ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi r-rikorrenti tixtieq li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-irkorrenti umilment u reverentament jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar l-ewwel (01) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l-istess l-Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-ceritifkat taz-zwieg;*

*Bl-ispejjes kollha ikunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi nhar it-30 ta' Jannar 2023, l-intimat deher ghas-seduta u informa lill-Qorti illi huwa ha parir legali u ma kienx qed joggezzjona ghad-divorzju, infatti ikkonferma dan bil-gurament (vide fol 22);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 4) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-1 ta' Ottubru 2011, u li minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, li ghadhom minorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 26 ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Matthew Agius izda kienu ilhom separati de facto sa minn April 2021. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonfermat illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide xhieda fol 23) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Ottubru 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 2083/2011 (Vide fol 3 certifikat taz-zwieg). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ilkoll minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Matthew Agius nhar is-26 ta' April 2022 (vide fol 7 et seqq.) Di piu', mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati sa minn April tas-sena 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2083/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**